**TRIBUNAL INDUSTRJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 2850**
**Illum 5 ta' Ottubru, 2022**

**Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech**

**Każ Numru 3560/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn**

**James D'Anastas (K.I. 49481M)**

**u**

**Wembley Stores Company Limited (C2543)**

**Dwar: allegazzjoni ta' aġir illeġittimu u abbużiv**

**Preliminari**

Ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn spjega illi huwa kien impjegat mas-soċjeta intimata bħala warehouse manager mid-9 ta' Marzu 2008 u mis-sena 1999 bħala Delivery/Casual Labourer u sussegwentement bħala storekeeper u finalment bħala warehouse manager. Jirriżulta li s-soċjeta intimata matul l-impjieg tar-rikorrent ħallsitu rimunerazzjoni inferjuri għal dik imħallsa lil terzi jagħmlu l-istess xogħol. Jirriżulta illi tali distinzjoni bejn l-impjegati hija illeġittima u abbużiva u kellha l-konsegwenza li tippreġudika direttament lir-rikorrent kif ukoll tikkawżalu danni. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li d-distinzjoni bejn l-impjegati li għamlu x-xogħol ugwali kienet illeġittima u abbużiva
2. Jiddikjara lis-soċjeta intimata responsabbli għat-telf ta' qliegħ li r-rikorrent sofra minħabba d-distinzjon illeġittima
3. Jillikwida kumpens għat-telf ta' qliegħ soffert mir-rikorrent, rappreżentant d-differenza fir-rati ta' ħlas, li r-rikorrent ma riċiviex minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tas-soċjeta intimata

4. Jikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat minn dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta
5. Jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti tal-aġir diskriminatorju ai termini tal-istess artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tagħha s-soċjeta irrilevat illi r-rikorrent qed jirreferi għal persuna partikolari li r-responsabbiltajiet u doveri rispettivi kienu differenti minn dawk tar-rikorrent u għalhekk ir-rimunerazzjoni kienet differenti pero mhux diskriminatorja.

Ir-rikorrent ippreżenta żewġ kawżi separati (3559 u 3560/CCG) liema kawżi instemgħu mill-istess Tribunal u l-provi miġbura applikaw għaż-żewġ kawżi.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Ir-rikorrent spjega kif huwa kien beda jaħdem mas-soċjeta fil-25 ta' Ottubru 1999 bħala Deliveryman. Wara sena u seba' xhur tawh l-irwol ta' Storekeeper. Dan kien mill-1 ta' Ġunju 2001 sat-8 ta' Marzu 2008. Wara li kellu rwol li jieħu ħsieb l-istores kollha tal-maħżen kollha ingħata r-rwol ta' Manager pero x-xogħol ta' storekeeper u l-affarijiet l-oħrajn baqa' jagħmilhom hu. Għalkemm ingħata titlu ta' Manager qatt ma daħal Storekeeper u kien hu li baqa' l-istorekeeper. Ir-rikorrent spjega x-xogħol ta' Manager x'kien jinvolvi. Ir-rikorrent qal li saħansitra xogħol ta' maintenance, bħal jibdel il-bozoz hu kien jagħmlu, u kien anke jgħin lil electrician meta jkun hemm bżonn. Ix-xhud qal li bażikament dak li kien ikun bżonn huwa kien jagħmlu. Ir-rikorrent spjega ukoll kemm kienu ħaddiema u x'kien jikkonsisti xogħolhom. F'Awwissu 2014 kienu waqqfu erbgħa persuni. Ir-raġuni li ingħatat dakinhar kienet għaliex Nestle ħadet parti mid-ditta hi u b'hekk Wembley Stores ma baqgħux jissupplixxu l-ħwienet. Fl-2017 huwa ġie tterminat mix-xogħol u r-raġuni li ingħata kienet li "dak ir-restructuring li għamlu ma kienx naqqsu biżżejjed nies għalhekk iddeċidew li lili jitterminawli l-impjieg imma jiġifieri ma kinex hemm bżonn aktar." Ir-rikorrent qal li ma kien hemm ħadd aktar li kien jagħmel ix-xogħol bħalu. Meta kienu twaqqfu n-nies fl-2014 huwa ma kienx aċċetta li jagħmel ix-

xogħol ta’ dawk kollha li tkeċċew u għalhekk Joe Balzan ħa x-xogħol tad-depożiti l-bank u meta huwa ma kienx ikun xogħol kien joħroġ Joe Balzan bid-deliveries. Wara li tkeċċa hu x-xogħol tiegħu tqassam fuq l-impjegati oħrajn, li kienu ġew impjegati warajh. Ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg li tniżżlet mal-Jobsplus da parti tal-kumpanija kinet nuqqas ta’ xogħol. Huwa qal li min-naħa tiegħu ma kienx tnaqqaslu x-xogħol għaliex baqa’ għaddej normali u saħansitra kien jagħmel overtime mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Mistoqsi dwar Joe Balzan, li kien ħa parti mix-xogħol tal-ħaddiema li tkeċċew fl-2014 kien jgħid li huwa kien jitħallas ħafna aktar minnu. Mistoqsi dwar ix-xogħol li kien jagħmel hu u dak li kien jagħmel Joe Balzan, ir-rikorrent qal li Joe Balzan kien imur jiddepożita l-bank u jikklipja l-invoices x’ħin jidħlu mid-delivieries il-bqija kollox l-istess kien jagħmel iżda Joe Balzan ma kienx jagħmel dak kollu li jagħmel hu għaliex Joe Balzan kien jgħidlu li l-ftehim tiegħu mhux biex joqgħod jaħdem fl-istore. F’seduta oħra r-rikorrent daħal f’aktar dettall ta’ x’kien jikkonsisti xogħlu. Qabel ma daħal Joe Balzan ix-xogħol relatat mal-flus kien jagħmlu David Vella u dak iż-żmien kellu żewġ part timers jgħinuh fix-xogħol u lejn l-aħħar ftit daħal xi ħadd ieħor għaliex kellhom bżonn l-għajnuna. Joe Balzan kien daħal jaħdem mal-kumpanija xi 2010/2011 u kien mar jagħmel xi xogħol ta’ maintenance. Hu ma kienx full timer u kien anke jagħmel xi xogħol fid-djar personali tad-diretturi. Meta fl-2014 twaqqfu erbgħa min-nies mill-warehouse huwa kien tkellem mad-diretturi u qalilhom li ma huwiex possibli li jagħmel ix-xogħol ta’ kulħadd waħdu u dawn talbuh jitlaq, pero r-rikorrent insista li huwa ma kienx qed jirrifjuta xogħol iżda kien impossibli li jagħmel dak il-volum ta’ xogħol kollu. Lil Joe Balzan kienu tawh ir-responsabbilta tal-flus relatati ma’ deposits u ġbir ta’ flus kif ukoll petty cash. Meta tkeċċa hu, apparti dan ix-xogħol, Joe Balzan kien jagħmel xogħlu meta huwa ma kienx ikun hemm. Mistoqsi dwar x’paga kellu, r-rikorrent wieġeb illi huwa kellu 1849.59 euro f’Jannar 2017. Joe kien jgħidlu li huwa mħallas ħafna aktar minnu u kien ukoll jgħidlu li huwa mhux imħallas biżżejjed għax-xogħol li jagħmel. Darba kien sar xi żball fis-sistema u nduna bil-paga ta’ Joe li kienet 13.80 euro kull siegħa. Wara li tkeċċa hu xogħlu waqa’ fuq Joe Balzan u xi ħadd mill-Belt u “llum il-ġurnata għandikun għandhom bniedem ukoll jgħinhom iġifieri”. In kontro eżami r-rikorrent spjega li qabel daħal Joe Balzan ix-xogħol tal-maintenance kien isir minnu flimkien mal-ħaddiema l-oħra. Iċ-ċwievet biex tinfetah il-warehouse hu biss kellu aċċess għalihom, pero imbagħad tawhom ukoll lil Joe Balzan. Is-safe kellhom aċċess għalih hu u Joe Balzan. Mistoqsi jikkonferma jekk ix-xogħol naqaslux wara 2014, ix-xhud qal li hu l-istess baqa’ u baqa’ jagħmel l-istess sigħat ta’ overtime. Ix-xhud qal li Wembley Stores kellhom tmien warehouses u l-fork lifter kien jużah kuljum. Dwar ir-rata fis-siegħa mħallsa lil Joe Balzan, ix-xhud qal li 13,80

hija skont kif qalulu qatt ma rahom miktubin u li Noel Gauci kien qallu li Joe Balzan jitħallas ta' mitt siegħa, jagħmilhom jew ma jagħmilhomx.

Christopher Gauci, Direttur tal-kumpanija Wembley Stores Company Limited xehed li kien ilu jokkupa din il-kariga għal ħafna snin, xi tletin sena. Lir-rikorrent jafu bħala impjegat fl-istores u x-xhud spjega kif huwa beda bħala deliveryman, u meta għadda żmien u beda jitgħallem aktar l-affarijiet beda jsuq forklifter u spiċċa kien il-Warehouse Manager. Mistoqsi dwar il-kwalita tax-xogħol tar-rikorrent ix-xhud wieġeb li huwa qatt ma kellu argumenti dwar li ma kienx jagħmel xogħlu sew jew le. Dwar paga x-xhud qal li iva kellhom diskussjonijiet dwar paga u matul iż-żmien kien hemm żminijiet fejn laqgħu t-talba tiegħu. Bħala paga bażika huwa kellu Euro 1849.59 fix-xahar u użu tal-vann. Mistoqsi dwar ix-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent ix-xhud wieġeb li r-rikorrent kien warehouse manager, bniedem li jieħu ħsieb il-warehouses. "Issa fl-2014 kien naqsilna x-xogħol allura qisu ma setax jibqa' jagħmel xogħol ta' Warehouse Manager meta ma kellux l-istess ammont ta' nies lil min imexxi." Ix-xhud kompla jispjega x-xogħol 'day to day' tar-rikorrent x'kien jinvolvi. Mistoqsi x'wassal għat-terminazzjoni tar-rikorrent ix-xhud spjega li fl-2014 supplier ittermina l-kuntratt magħhom u bilfors kellhom inaqqsu l-ħaddiema pero ddeċidew li jżommu lir-rikorrent bil-ħsieb li jerġgħu jżidu x-xogħol pero dan ma seħħx u stinkaw sentejn biex iżidu s-sales imma ma żdidux u għalhekk kellhom jieħdu d-deċiżjoni li jitterminawlu l-impjieg. Mistoqsi min qed jagħmel dak ix-xogħol, ix-xhud wieġeb li ma baqax dak ix-xogħol pero hemm xi ħadd li jieħu ħsieb id-day to day running imma mhux bħala warehouse manager għaliex mhux qed jimmeniġja warehouses apparti li jagħmel ix-xogħol tiegħu.

David Vella jaf lir-rikorrent tramite x-xogħol. Huma għamlu xi tlettax jew erbatax-il sena jaħdmu flimkien il-Wembley Stores Company Limited. Huwa kien administration clerk. Mistoqsi dwar xogħol ir-rikorrent ix-xhud wieġeb illi xogħol ir-rikorrent kien jikkonsisti "Mill-A sa Z nista' ngħid"..."iqassam ir-rotot, jiċċekja x-xogħol hu meta jidħlu l-containers, iqabbad lix-xufiera għax-xogħol hu....Kollox tista' tgħid. Tindif tal-istores, ħasil tal-vannijiet. Ma tispiċċa qatt." Il-volum tax-xogħol kien kbir u kull ma kellhom jgħinuhom kienu żewġ part timers. Ix-xhud kien tkeċċa flimkien ma' sitta oħra. Wara li tkeċċa hu safejn jaf ix-xhud kien hemm ċertu Joe Balzan li ħa parti mix-xogħol tiegħu, fejn jidħlu deposits u flus. Meta tkeċċa hu, Joe Balzan kien bajjad u maintenance.

Joe Balzan xehed li kien ilu jaħdem mal-Wembley xi disa' snin. Huwa kien beda bħala maintenance pero maż-żmien żdiedlu x-xogħol u beda jmur jgħin fil-warehouse billi jagħmel dak li kien ikun hemm bżonn. Hu kien jgħin lir-rikorrent billi jieħu ħsieb il-flus tas-salesmen u li jkun hemm bżonn. Mistoqsi dwar il-paga Joe Balzan qal li l-ftehim verbali li kellu kien ta' 15 euro s-siegħa. Sa dakinhar Joe Balzan kien għadu impjegat mal-Wembley. Mistoqsi jikkonferma li x-xogħol li qed jagħmel huwa l-istess li kien jagħmel James D'Anastas fl-2017, Joe Balzan wieġeb "Qed nagħmel l-istess xogħol li kont nagħmel qabel: Maintenance u l-affarijiet kollha." Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx qed jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent, ix-xhud wieġeb illi ħafna mix-xogħol tar-rikorrent jieħdu ħsiebu mill-uffiċċju tal-Belt u hu jagħmel il-kumplament. In kontro eżami x-xhud ikkonferma illi huwa kien on call erbgħa u għoxrin siegħa kuljum għal per eżempju problemi bħal leaks jew fl-elettriku. Mistoqsi jekk huwa jaħdimx ma' salespersons, merchandisers jew clerks ix-xhud qal li huwa qatt ma kellu x'jaqsam magħhom. Ix-xhud qal li qabel 2014 huwa kellu ċwievet tal-warehouses li kien qed jirranġa u wara 2014 kellu sett ċwievet biex jekk James ikun bil-leave jew sick ikollhom biex jiftħu. Ix-xhud ikkonferma li x-xogħol prinċipali tiegħu kien ta' electrician u handyman mhux ta' warehouse manager.

Ir-rikorrent ippreżenta nota b'elenku ta' xogħlijiet tiegħu u ta' Joe Balzan, ċertifikat mediku dwar l-istat psikoloġiku tar-rikorrent u notice for employment maħruġa mis-soċjeta intimata tramite l-Jobsplus.

Joseph Saliba, rappreżentant tal-Jobsplus, ippreżenta l-employment history tar-rikorrent.

Is-soċjeta ippreżentat payslips u dokumenti oħra relatati mal-introjtu tar-rikorrent kif ukoll job description.

Ir-rikorrent mistoqsi dwar il-job description ippreżentata mis-soċjeta qabel mal-lista pero qal li kien hemm xi xogħol li kien jagħmel li ma kienx inkluż, bħall-amministrazzjoni tal-vetturi kif ukoll xogħol ta' storekeeper. Mistoqsi dwar x'riperskussjonijiet finanzjarji kellu riżultat tat-tkeċċija, r-rikorrent wieġeb li huwa kellu paga inqas u ppreżenta FS3 ta' 2017 u 2018 u anke payslips. Apparti minn hekk għamel xahar sakemm sab xogħol ieħor u meta kienu twaqqfu n-nies fl-2014 u waqa' ħafna xogħol fuqu huwa beda jbati bl-ansjeta. Dan kien tkellmu mad-diretturi. Meta imbagħad tkeċċa wara dawk is-snin kollha jagħmel dak ix-xogħol

kollu huwa qabditu dipressjoni u għalkemm beda jaħdem kellu jieqaf fuq struzzjonijiet tat-tabib. Ir-rikorrent ippreżenta ċertifikati mediċi prova ta' dan.

Ir-rikorrent ippreżenta kwantifikazzjoni tad-danni sofferti minnu u li qed jitlob lit-Tribunal jillikwida favur tiegħu.

Christopher Gauci spjega kif in-negozju tal-kumpanija kien twaqqaf u llum kif jopera. Illum jopera f'żewġ setturi – wholesale u retail. Spjega x'wassal għal telf ta' negozju fl-2014. *"jekk tara l-financial statements tagħna tqabbel it-2014 per eżempju mat-2016 kien hemm loss of revenue ta' seba' mija u sebgħin elf euro u minħabba f'hekk bilfors kellna nnaqqsu l-workforce biex nibqgħu għaddejjin. Allavolja naqqasna l-workforce l-kumpanijia xorta għamlet telf u dan jidher anki fil-financial statements tagħna. Ħa nikkwota minn ittra mingħand l-awdituri tagħna fejn qed jgħidu The losses would have been substantially greater had the company not reduced the number of employees and continuation of business would have been threatened."* Fir-rigward ta' Joe Balzan ix-xhud spjega li ma tistax tqabbel ix-xogħol ta' Balzan u tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien jitħallas overtime filwaqt li Joe Balzan kellu paga fissa. Il-fatt li Balzan kien on call erbgħa u għoxrin siegħa minħabba li kien responsabbli mill-maintenance ġie ukoll ikkunsidrat fil-paga tiegħu. Jekk tqabbel l-introjtu ta' Balzan u r-rikorrent bejn is-snin 2011 u 2016, fiż-żmien meta r-rikorrent kien jagħmel overtime, dan dejjem qala' iżjed ħlief f'sena minnhom u kien hemm ukoll fejn qala' d-doppju. Huwa minnu li r-rikorrent kien jagħmel ħafna overtime pero huwa kellu l-opportunita li jaqla' aktar paga filwaqt li l-paga ta' Joe Balzan kienet fissa għaliex ix-xogħol kien differenti. Ix-xhud qal li veru li kien hemm 'overlapping' pero ma kinux jagħmlu l-istess xogħol. Ix-xhud ippreżenta lista ta' xogħolijiet li kien jagħmel Joe Balzan li ma kinux inklużi fil-lista li ppreżenta r-rikorrent, liema xogħlijiet jinvolvu elettriku u maintenance u tiswijiet. Bħala ħinijiet dawk tar-rikorrent kienu fissi filwaqt li ta' Joe Balzan ma kinux regolari "*jekk per eżempju konna qed naħdmu fuq proġett kien jaħdem ħinijiet twal sakemm ikun hemm dak il-proġett u imbagħad meta jispiċċa l-proġett jaf imbagħad il-ġimgħa ta' wara jidħol ftit ħinijiet*." Joe Balzan kien ikun on call dejjem, inkluż tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi. Wara li spiċċa r-rikorrent ix-xhud qal li ma żidux nies. Ix-xhud esebixxa dokumenti li jinkludu affidavit ta' Joe Balzan, ittra mingħand l-awdituri, ittra mingħand Nestle Purina Pet Care Italia fejn infurmaw li ser jitterminaw ir-relazzjoni li kellhom magħhom, il-financial statements tas-snin 2014, 2015, u 2016. In kontro eżami x-xhud qal li l-istore ta' Birkirkara ma għadux jopera u waqaf jopera fi Frar 2019. Mistoqsi min kien iqassam ir-rotot tad-deliverymen ta'

Birkirkara mill-perjodu 2017 sa 2019 ix-xhud wieġeb li kien Joe Balzan. Bħala stock taking kien jagħmlu Joe Balzan u l-flus li kienu jinġabru kienu jsiru parti mill-Belt u parti minn Joe Balzan. Illum store Ħaż-Żebbuġ biss għandhom u fih jaħdem Joe Balzan u żewġ deliverymen. Mistoqsi jikkonferma jekk ir-rikorrent kienx jagħmel xogħol ta' maintenance, ix-xhud wieġeb li r-rikorrent ma baqax jagħmel maintenance minn meta daħal Joe Balzan "*imma t-tip ta' maintenance li forsi kien isir huwa ħa ngħidu hekk iktar tip ta' housekeeping milli maintenance*". Mistoqsi jekk meta infurmaw lir-rikorrent li ser jiġi tterminat offrewlux xi part time, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Lanqas ma offrewlu li jaħdem f'xi rwol ieħor għaliex ma kien hemm l-ebda rwol disponibbli. Ir-rikorrent kien ta handover lil Joe Balzan. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent u Joe Balzan kienu jibdlu lil xulxin.

Joe Balzan permezz ta' affidavit elenka uħud mix-xogħolijiet li jagħmel hu.

Louis Buhagiar, rappreżentant tal-Jobsplus ippreżenta dokumenti li jikkonsistu f'employment histories ta' ex-impjegati tas-soċjeta intimata.

Andrew Borg Cardona, Direttur fil-kumpanija Borg Cardona & Company Limited xehed li r-rikorrent kien jaħdem miegħu mis-27 ta' Marzu 2017 u telaq fit-28 ta' Settembru 2018. Bħala impjegat ir-rikorrent kien ħabrieki imbagħad beda "jisslowja" u jiġi tard għax-xogħol, jgħidlu li dahru qed juġgħu, joħodlu ħafna sick leave sakemm qallu li ħa jitlaq "for health reasons".

## <u>Sinteżi tas-Sottomissjonijiet</u>

Is-soċjeta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrilevat illi l-ammonti indikati fil-prospett ippreżentat minnu huma esaġerati u estravaganti għaliex ir-rikorrent qiegħed jikkumpara ruħu ma' impjegat ieħor li sal-lum għadu impjegat mas-soċjeta. Għalkemm huwa minnu li l-pagi kienu distinti l-irwoli tagħhom kienu totalment differenti u dan ġie spjegat b'mod dettaljat fix-xhieda ta' Christopher Gauci. Ir-rikorrent kien warehouse manager/storekeepr u kellu responsabbiltajiet varjati u ta' ċertu esperjenza filwaqt Joe Balzan kien electrician u handyman. Skont is-soċjeta r-rikorrent kellu paga aktar minn Joseph Balzan peress li kellu aktar benefiċċji, bħall-użu tal-van inkluż il-fuel ħaġa li Joe Balzan ma kellux. Saret referenza ukoll għax-xhieda ta' Christopher Gauci fejn spjega li fis-snin 2011 sa 2016 r-rikorrent qala aktar minn Joe Balzan, ħlief f'sena minnhom, riżultat tal-overtime li kien jagħmel.

Is-soċjeta irrilevat illi r-rikorrent naqas milli oneru tiegħu li jipprova l-allegazzjoni tiegħu li r-rwol tiegħu u ta' Joe Balzan kienu l-istess. Id-distinzjoni bejn ir-rikorrent u Joseph Balzan ma setgħetx kienet aktar ċara daqs kif spjegat fix-xhieda ta' Christopher Gauci meta qal

*"pero x-xogħol ta' wieħed u x-xogħol tal-ieħor ma għandu x'jaqsam xejn. Anke l-mod kif kienu jitħallsu. Ir-rikorrent kellu paga ta' one thousand eight hundred and forty nine fifty nine, kien jieħu l-overtime, kellu l-leave, kellu s-sick leave. Minħabba t-tip ta' xogħol li kien jagħmel Joe Balzan ma kellux fixed hours u kien jitħallas bil-fifteen euro per hour. Issa dak ħadna ukoll into considertion illi kien on call twenty four hours a day minħabba x-xogħol kien jikkaverja maintenance. Jiġifieri jinqala' x'jinqala' jrid jirrispondi għalihom. Ir-rata kienet fixed ukoll iġifieri jekk ħadem iżjed mill-erbgħin siegħa xorta kien jitħallas b'dik ir-rata iġifieri kienet fissa ma kienx jitħallas overtime. Filfatt meta r-rikorrent kien jitħallas overtime r-rata kienet iżjed mir-rata li kien jitħallas Joe Balzan."*

Huwa minnu li kien hemm differenza fir-rata ta' ħlas pero Joseph Balzan kien dejjem 24/7 on call meta kien ikun hemm xi diffikulta u/jew problemi speċifiki rigward manutenzjoni li r-rikorrent ma kien jagħmel xejn minn dan peress li kien xogħol ta' Joseph Balzan biss. Għalkemm kien hemm 'overlapping' bejn ix-xogħlijiet dan ma huwiex biżżejjed biex jiġġustifika l-pretensjoni tar-rikorrent.

B'referenza għall-kontenut tal-prospett ta' danni r-rikorrent ikkalkula l-ammont fuq il-paga ta' Joseph Balzan u mhux fuq li kellu hu. Il-paga differenti tirrifletti x-xogħlijiet differenti li kienu jagħmlu. Ir-rikorrent qatt ma kellu kwistjonijiet ta' saħħa fiżika u mentali waqt li kien jaħdem mas-soċjeta intimata u fil-fatt ma damx ma sab xogħol. L-effetti psikoloġiċi skopra bihom kważi sena u nofs wara li spiċċa jaħdem mas-soċjeta intimata.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jagħmel referenza għall-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

*Impjegati fl-istess klassi ta' impjieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali.*

Selwyn fil-ktieb *"Law of Employment"* jiddeskrivi *"Like Work"* bħala *"That the work must be the same or broadly similar, and any differences between the work done are not of practical importance. If there are any differences between the work done,*

*the tribunals must ask if these are such that it is reasonable to expect to see them reflected in a different wage settlements."*

Ir-rikorrent jikkontendi li hawn it-Tribunal irid jeżamina jekk ix-xogħol li kienu jagħmlu James D'Anastas u Joe Balzan kinux ta' valur ugwali. Mhuwiex neċessarju li kull ħaġa li jagħmlu tkun l-eżatt istess iżda l-valur għandu jiġi meqjus bħala ugwali. Ir-rikorrent jagħmel referenza għax-xhieda ta' Joe Balzan fejn ikkonferma li għalkemm kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni kien jagħmel xogħol li bih kien jgħin lil James fil-warehouse, x-xhieda ta' James D'Anastas fejn ikkonferma li Joe Balzan kien jagħmel xogħol jirrisplejsah, xhieda ta' James D'Anastas fejn spjega xogħol ta' manutenzjoni li hu kien għamel, job descriptions taż-żewġ individwi fejn ġie indikat n-numru ta' xogħlijiet simili li huma kellhom, xhieda ta' Joe Balzan fejn ikkonferma li hu u r-rikorrent biss kellhom aċċess għall-warehouse biċ-ċavetta, prova ċara ta' kemm xogħlohom min natura tiegħu kien simili, xhieda ta' Christopher Gauci fejn qal li xogħol ir-rikorrent illum qed jagħmlu Joe Balzan u li meta ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent dan ta handover lil Joe Balzan, u xhieda ta' Joe Balzan fejn qal li hu kien il-persuna li kien jibdel lir-rikorrent meta dan kien ikun bil-leave. B'żieda ma' dan kollu r-rikorrent kien ilu impjegat aktar minn Joe Balzan u dan kien jimmerita li jiġi rikonoxxut fil-paga mhux tagħtix paga anqas u sussegwentement keċċietu sabiex postu ħadulu l-istess Joe Balzan. Rigward l-argument tas-soċjeta li r-rikorrent seta' jaqla' aktar minn Joe Balzan billi jagħmel l-overtime, r-rikorrent itenn li dan l-argument ma jreġġix.

**<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

F'din il-kawża t-Tribunal għamel eżami tal-provi dokumentarji prodotti kif ukoll tax-xhieda mressqa miż-żewġ partijiet.

Il-provi reġina f'din il-kawża huma l-job descriptions. Ir-rikorrent ippreżenta lista ta' xogħolijiet li kien jagħmel hu imqabbla ma' dawk li kien jagħmel Joe Balzan. Is-soċjeta ippreżentat job description tar-rikorrent li fuqha r-rikorrent xehed u qal li kien hemm xi xogħolijiet neqsin u li żied fuqhom. Joe Balzan ippreżenta affidavit bix-xogħlijiet li kien jagħmel u anke Christopher Gauci fuq ix-xogħol li kien jagħmel Joe Balzan.

Is-soċjeta xehdet li l-kundizzjonijiet tar-rikorrent u ta' Joe Balzan kienu differenti, u l-akbar differenza fl-opinjoni tat-Tribunal hija li Joe Balzan kien on call 24/7, fatt li ma ġiex ikkontestat mir-rikorrent.

Wara li eżamina l-provi hawn fuq imsemmija t-Tribunal, speċjalment l-affidavit ta' Joseph Balzan, filwaqt li jaqbel li kien hemm 'overlap' f'xi xogħol bejn ir-rikorrent u Joe Balzan, ma jistax jaqbel mar-rikorrent li x-xogħol kien ta' valur ugwali. Joe Balzan kien jagħmel maintenance, xogħol ta' electrician, u xogħol ieħor ta' handyman, xogħol li r-rikorrent ma kienx jagħmel.

**<u>Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal intalab sabiex:

1. Jiddikjara li d-distinzjoni bejn l-impjegati li għamlu x-xogħol ugwali kienet illeġittima u abbużiva
2. Jiddikjara lis-soċjeta intimata responsabbli għat-telf ta' qliegħ li r-rikorrent sofra minħabba d-distinzjoni illeġittima
3. Jillikwida kumpens għat-telf ta' qliegħ soffert mir-rikorrent, rappreżentant d-differenza fir-rati ta' ħlas, li r-rikorrent ma riċiviex minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tas-soċjeta intimata
4. Jikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat minn dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta
5. Jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti tal-aġir diskriminatorju ai termini tal-istess artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tiegħu, t-Tribunal jiddeċiedi illi r-rikorrent ma sofriex trattament diskriminatorju u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tiegħu.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**